

Espert tal-Bijostatika

Unità: Metodi u Standards Xjentifiċi

Referenza: ECDC/AD/2020/SMS-EB

Qegħdin jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' hawn fuq ta' Aġent Temporanju fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jaqa' taħt il-Kap tat-Taqsima tal-Proċess u tal-Metodi Xjentifiċi fl-Unità tal-Metodi u tal-Istandards Xjentifiċi. Hu se jittqiegħed fit-Taqsima tal-Proċess u tal-Metodi Xjentifiċi fl-Unità tal-Metodi u tal-Istandards Xjentifiċi.

Hu se jkun responsabbli b'mod partikolari għall-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- Jikkollabora ma' epidemjologi, esperti tal-mard infettiv, professjonisti fil-qasam tas-saħħa pubblika, bijostatistiċi u mudellaturi fiċ-Ċentru u f'istituzzjonijiet Ewropej u internazzjonali oħra tas-saħħa pubblika u tar-riċerka;
- Iwettaq analiżijiet statistiċi avvanzati ta' *data* epidemjoloġika, l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' algoritmi ta' analiżi tad-*data* u jikkontribwixxi għal rapporti ta' sorveljanza ta' mard infettiv u outputs oħra;
- Jikteb u jiddokumenta l-kodiċi bl-użu ta' softwer ta' analiżi statistika;
- Jipprovi konsultazzjoni statistika u jirrakkomanda analiżijiet statistiċi xierqa, jiżviluppa u jirrevedi protokollu u pjanijiet/deskrizzjonijiet ta' analiżi;
- Jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tan-nuqqasijiet u l-iżvilupp u l-kunsinna ta' gwida metodoloġika u taħriġ fl-istatistika;
- Iżomm ruħu aġġornat dwar żviluppi xjentifiċi, metodoloġiċi u ta' politika fil-qasam tal-istatistika, l-immudellar u l-epidemjoloġija, il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard infettiv;
- Kwalunkwe komputu ieħor relatat mal-qasam tax-xogħol tiegħu kif mitlub;
- Jikkontribwixxi għal attivitajiet oħra tal-ECDC kif meħtieġ, fil-qasam tal-kompetenza tiegħu.
- Jista' jintalab jikkontribwixxi għas-sistema tax-xogħol 24/7 fl-ECDC.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas 3 snin attestati b'diploma¹;
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sa fejn meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietu²;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Ikunu intitolati għad-drittijiet sħaħ tagħhom bħala ċittadin³;
- Ikunu ssodisfaw l-obbligi kollha imposti mil-ligijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Ikunu fiżikament b'saħħithom biex iwettqu d-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

B. Kriterji tal-għażla

Biex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna **kriterji essenzjali** fir-rigward tal-esperjenza professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-anqas 5 snin ta' esperjenza professjonali (wara li tingħata d-diploma), li mill-anqas 3 snin minnhom ikunu nkisbu f'karigi rilevanti għad-dmirijiet deskritti fid-deskrizzjoni tal-impjeg;
- Lawrja universitarja fl-istatistika, fil-bijostatistika, fil-matematika jew f'qasam relatat, preferibbilment lawrja ta' Master;
- Għarfien eċċellenti f'metodi statistiċi avvanzati u l-kapaċità li dan l-għarfien jiġi applikat għall-analiżi tad-*data* (inkluż id-disinn ta' studji u stħarriġiet, il-kalkolu tad-daqs tal-kampjun, l-analiżi tax-xejriet u tas-serje tal-ħin, l-analiżi tar-rigressjoni u tas-sensittività, l-analiżi meta u metarigressjoni);
- Esperjenza b'settijiet ta' *data* kbar u kumplessi;
- Għarfien tajjeb tal-istatistika ta' Bayes;
- Fehim tajjeb tal-epidemjoloġija u tas-sorveljanza ta' mard infettiv;
- Esperjenza u għarfien eċċellenti ta' pakketti ta' statistika standard u l-lingwa ta' programmazzjoni, bħal Stata u R;

¹ Għandhom jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

² Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom ta' tliet lingwa b'ċertifikat (B1 jew iktar).

Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operazzjonali ta' tliet lingwa tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

³ Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

- Ħiliet mixhuda bi prova fil-komunikazzjoni orali u bil-miktub ta' informazzjoni xjentifika lil udjenzi differenti;
- Livell eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Kapaċitajiet analitiċi u ħiliet eċċellenti ta' solvien ta' problemi;
- Il-kapaċità li taħdem b'mod kollaborattiv f'tim multidixxiplinari u multikulturali u li tibni relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom;
- Ħiliet ta' komunikazzjoni orali u bil-miktub tajba u l-kapaċità li tikkomunika b'mod effettiv ma' persuni minn dixxiplini u oqsma xjentifiċi oħra;
- Orjentat lejn ir-riżultati b'ħiliet organizzattivi u tal-ġestjoni tal-proġetti tajbin u l-kapaċità li taħdem taħt pressjoni;
- L-abbiltà u r-rieda li titgħallem b'mod kontinwu.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ l-applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Ħatra u kondizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg jinħatar abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' post vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Jenħtieġ li l-kandidati jinnotaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ. Il-lista qasira ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat li jintgħażel jiġi reklutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2(f) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-grad **AD 5**.

Jenħtieġ li l-applikanti jinnotaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal ġdid kollu li għandu jtemm perjodu ta' prova b'suċċess.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitatijiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil Recruitment@ecdc.europa.eu u fis-suġġett tal-email indika b'mod ċar ir-referenza tal-post vakanti u kunjomok.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida, jeħtieġlek timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola ta' applikazzjoni, li jenħtieġ li tiġi sottomessa fil-format ta' Word jew PDF u preferibbilment bl-Ingliż⁴. Applikazzjonijiet mhux mimlija għalkollox jitqiesu bħala invalidi.

Il-formola tal-applikazzjoni tal-ECDC tinsab fuq is-sit web tagħna hawnhekk:

<https://ecdc.europa.eu/mt/about-us/work-us/recruitment-process>

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess ta' reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

⁴ Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-orijinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa ta' ħidma ta' kuljum tal-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.